Qorti Ċivili, Prim'Awla

Imħallef Anthony Ellul

**Fl-atti tal-mandat ta' żgumbrament numru 1341/2024 fl-ismijiet:**

**AMG Autos Limited**

**Vs**

**Khaled Alshlaam Almrabea u Ivy Maria Alshlaam Almrabea**

23 ta' Settembru, 2024.

Il-Qorti,

1. Reġgħet rat ir-rikors tar-rikorrenti (22.8.2024) u t-tweġiba tal-kumpannija intimata (18.9.2024).

2. Bir-rikors intalab ir-revoka tal-mandat ta' żgumbrament 1341/2024 li bih ġew ordnati jiżgumbraw mill-fond numru 3, Anton, Triq Dottor Guzeppi Zammit, Marsa. Dan wara s-sentenza li tat din il-qorti fit-2 ta' Marzu 2017 (numru 187/2015).

3. Ir-rikorrenti qegħdin isostnu li għandhom kirja tal-fond. Huma jppremettew li fl-2009 ir-rikorrent kien beda jagħmel xogħol ta' bini fuq inkarigu ta' Emilio Agius li llum huwa mejjet. Ftehim li skontu l-valur tax-xogħol kien €97,000 u li minnhom xogħol b'valur ta' €40,000 ingħataw lis-sid u r-rikorrent ingħata l-kirja tal-fond in kwistjoni b'effett mill-1 ta' Jannar 2019 għal għaxar snin. Illum il-kumpannija intimata fadlilha tħallas bilanċ ta' €57,000 f'Jannar 2025. Għalhekk ir-rikorrenti qegħdin isostnu li għandhom il-kirja tal-fond u m'għandhomx jiġu żgumbrati.

4. Ladarba t-talba prinċipali hi għar-revoka tal-mandat, il-qorti fehmet li saret skont l-art. 281 tal-Kap. 12.

5. Tosserva li mar-rikors promotur ma' ġew preżentati l-ebda dokumenti sabiex jissostanzjaw dak li r-rikorrenti jppremettew fir-rikors.

6. It-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa', ġialadarba s-soċjeta intimata għandha titolu eżekuttiv favur tagħha, li hi s-sentenza **AMG Autos Limited vs Khaled Alshlaam Almrabea et** tat-2 ta' Marzu, 2017, li hi ġudikat. Sentenza li biha din il-qorti ddikjarat li r-rikorrenti m'għandhomx titolu fuq il-fond oġġett tal-kawża u ordnat l-

iżgumbrament. Inoltre, f'dik is-sentenza l-qorti għamlet konsiderazzjonijiet dwar kirja, fejn inter alia qalet hekk: *"2. L-estensjoni ta' kirja għall-għaxar snin mill-24 ta' Novembru 2009 sal-24 ta' Novembru 2019 hija ffirmata biss minn Emilio Agius".* Dik kienet waħda mir-raġunijiet għalfejn ma ntlaqax l-argument tar-rikorrenti li għandhom titolu.

7. B'referenza għad-dokument mehmuż mar-rikors promotur u li a bażi tiegħu r-rikorrenti qegħdin isostnu li ngħataw kirja ta' għaxart (10) snin b'effett mill-1 ta' Jannar 2019, kull ftehim li seta' sar bejn Emilio Agius u r-rikorrenti hu res inter alios acta għas-soċjeta' intimata li għandha titolu eżekuttiv kontra r-rikorrenti. Inoltre, fuq bażi ta' prima facie ma jirriżultax li fl-1 ta' Jannar 2019, Emilio Agius kellu xi jeddijiet fuq il-fond in kwistjoni.

**<u>Deċiżjoni</u>**.

Għal dawn il-motivi tiċħad it-talba bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti. Fl-istess waqt tħassar l-ordni li bih issospendiet l-eżekuzzjoni tal-att eżekuttiv sakemm tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors tar-rikorrenti.

Anthony Ellul
Imħallef.